# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 31**

**Rikors Numru 1228/90 AE**

**Angelo Xuereb bhala Managing Director ghan-nom u in rapprezentanza ta' Angelo Xuereb Limited li b'nota tat-23 ta' Ottubru 2013 indikat li biddlet isimha ghal AX Holdings Limited**

**v.**

**Godwin Migneco u Anthony Migneco bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Medairco Limited u b'digriet tat-23 ta' Gunju 2014 l-Avukat Dr Alessandro Lia u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina gew nominati bhala kuraturi deputati ghal Medairco Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-8 ta' Novembru, 1990 s-socjetà attrici ippremettiet is-segwenti:

> "Illi s-socjetà attrici kienet tat diversi inkarigi, xogholijiet u appalti lis-socjetà konvenuta in konessjoni mal-lukanda Suncrest Hotel u dana fil-kwalità tas-socjetà attrici ta' kuntrattur ghal-lukanda;

“Illi in konnessjoni ma dawn l-inkarigi, xogholijiet u appalti inqalghu diversi diffikultajiet, vertenzi, kontestazzjonijiet u pretensjonijiet reciproci;

“Illi l-partijiet kienu ghalhekk qablu illi jissottomettu xi whud, izda kjarament mhux kollha, minn dawn id-diversi diffikoltajiet, vertenzi, kontestazzjonijiet u pretensjonijiet reciproci ghal decizjoni Arbitrali u ftiehmu illi jappuntaw bhala Arbitru lill Professur Robert Ghirlando BSc(Eng), MEng, PhD, FIMecheE, EurIng, sabiex jiddeciedi bhala Arbitru dawk il-vertenzi li gew sottomessi u riferiti lilu skond ma jirrizulta mill-anness ftehim u Skrittura Privata Dok “A”; ghandu jinghad illi anke wara l-ftehim li xi vertenzi jigu sottomessi ghall-Arbitru, inqalghu diffikoltajiet ohra li ovvjament anqas ma kienu inkluzi fl-Arbitragg; jizdied jinghad ukoll illi apparti dawk il-punti li gew espressament sottomessi lill-Arbitru, hemm hafna affarijiet ohra pendenti bejn il-partijiet u diversi pretensjonijiet qawwijin tas-socjeta attrici li la gew riferiti ghall-Arbitragg u lanqas ovjament ma jifformaw mertu ta’ din il-kawza (izda dan qed jissemma biss halli jigi evitat l-ekwivoku u d-dubju);

“Illi l-istess Professur Ghirlando ta’ id-decizjoni jew Award Arbitrali tieghu fid 9 ta’ Awwissu 1990, kopja tad-decizjoni jew Award Arbitrali esebita Dok “B”;

“Illi fil-kors tal-procedimenti quddiem l-Arbitru gie esebit mis-socjetà konvenuta Dokument, issa esebit u mmarkat bhala Dok “C”, decisiv u li kien fost l-elementi importanti illi fuqu l-Arbitru bbaza d-decizjoni jew Award tieghu. Dan id-Dokument ma giex trasmess jew ikkomunikat lis-socjetà attrici, li ghalhekk ma kellhiex u ma setghetx ikollha access ghalih l-istess socjetà attrici jew mezz li tiskoprieh jew tiskopri li gie esebit;

“Illi dan il-fatt imsemmi jammonta ghal nuqqas ta’ “Fair Hearing”;

“Illi dan il-fatt jikkostitwixxi ukoll ksur tal-principji tal-Gustizzja Naturali li jitolbu illi l-parti avversarja ikollha access shih u mezz kif tiskopri id-Dokumenti ezebiti min-naha l-ohra billi tkun tista’ tippresenta il-versjoni taghha;

“Illi in konsegwenza ta’ dan in-nuqqas kif espost, is-socjetà attrici ma kellhiex l-opportunità li tiddefendi ruhha u tipprezenta l-kaz, is-sottomissjonijiet u l-provi taghha;

“Illi l-Arbitru ibbaza parti essenzjali tad-Decizjoni Arbitrali jew Award tieghu fuq dan id-Dokument illi ma kellhiex access ghalih is-socjetà attrici u dan kif se jigi ampjament ippruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

“Illi l-konsegwenzi tal-fatt illi dan id-Dokument ma giex u ma setghax jigi a konjizzjoni tas-socjetà attrici u b’hekk ma setghetx tikkumenta fuqu

kienu decisivi fid-Decisjoni jew Award Arbitrali u kkawzaw pregudizzju ingenti lis-socjetà Attrici;

“Illi ukoll l-Arbitru naqas illi jaghti motivazzjoni ghad-decizjoni jew Award Arbitrali tieghu;

“Illi l-Artikolu 984(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi l-Arbitru ghandu jaghti r-ragunijiet u jimmotiva id-Decizjoni jew l-award tieghu;

“Illi dan il-fatt jammonta wkoll ghal nuqqas ta’ “Fair Hearing”;

“Illi apparti s-suespost, dan il-fatt jikkostitwixxi wkoll ksur tal-principji tal-Gustizzja Naturali ghaliex dawn jitolbu illi Gudikant jew Arbitru jimmotiva, jispjega jew jaghti r-ragunijiet tad-decizjoni jew Award tieghu, haga li fil-fatt l-Arbitru il-Professur Ghirlando naqas milli jaghmel;

“Illi ghal dawk ir-ragunijiet fuq premessi u fuq indikat ghal dawk ir-ragunijiet u premessi minnhom rizultanti, u fihom implicit, id-Decizjoni jew Award Arbitrali moghtija fid 9 ta’ Awwissu 1990 bejn il-kontendenti kienet nulla u inattendibbli.”

Ghalhekk s-socjetà attrici talbet lill-qorti sabiex:

“1. tiddikjara nulla u inattendibbli id-Decizjoni jew Award Arbitrali moghtija fid-9 ta’ Awwissu 1990 bejn il-kontendenti mill-Professur Robert Ghirlando BSc(Eng), MEng, Phd, FIMecheE, EurIng;

“Bl-ispejjez u bl-imghax u bir-riserva ta’ kull azzjoni fil-ligi;

“Il-konvenuti nomine ingunti ghas-subizzjoni.”

Permezz tan-nota tal-eccezzjonijiet taghha, tal-11 ta’ Dicembru, 1990, is-socjetà konvenuta eccipiet:

“1. Illi d-domanda attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma sar ebda ksur ta’ xi principji ta’ Gustizzja Naturali jew li kien hemm xi nuqqas ta’ “Fair Hearing”, billi l-procedimenti kollha tal-arbitragg tmexxew skond ir-regoli tal-procedura tal-ligi u kull dokument li gie esebit, gie esebit fis-seduti u moghti lill-arbitru fil-presenza tal-partijiet u kull kopja inkluz id-dokument “C” imsemmi mill-attur giet moghtija ukoll lill-attur nomine - u l-partijiet inghataw kull opportunità biex jezaminaw u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;

“2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Ottubru, 2013, li in forza taghha qatghet u ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuta, cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li rriproduciet parti estensiva mir-rapport tal-perit legali taghha u ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet, li ser jigu riprodotti fis-shih ghall-ahjar intendiment tal-kawza:

> "*Jirrizulta wkoll li hemm tlett kawzi ohra:*
>
> *"**Fic-citazzjoni numru 1312/1991** fl-ismijiet Xuereb Angelo noe vs Migneco Godwin et noe is-socjeta attrici qieghda titlob lill-Qorti tiddikjara lis-socjeta konvenuta responsabbli ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet ta' appalti fis-Suncrest Hotel u konsegwentement tigi ordnata thallas il-multi u penali li jigu likwidati mill-Qorti. Is-socjeta konvenuta principalment tecepixxi l-intempestivita ta' din l-azzjoni ghaliex tikkontendi illi kull vertenza bejn il-partijiet dwar l-appalti in kwistjoni gie estensivament moghti fid-9 ta' Awwissu 1990 liema "Arbitration" ghandu sahha ta' sentenza definittiva.*
>
> *"**Fic-citazzjoni numru 1436/1991** fl-ismijiet Xuereb Angelo noe vs Migneco Godwin et noe is-socjeta attrici qieghda titlob lill-Qorti tiddikjara illi is-socjeta konvenuta responsabbli biex taghmel xoghlijiet fuq "Chiller" a tenur tal-garanzija peress illi dan waqaf jahdem u konsegwentement tillikwida u tordnala thallas lis-socjeta attrici dawk id-danni li allegatament soffriet kawza tal-waqfien tac-"Chiller". Is-socjeta konvenuta principalment tecepixxi l-intempestivita ta' din l-azzjoni ghaliex tikkontendi illi kull vertenza bejn il-partijiet dwar l-appalti in kwistjoni gie estensivament moghti fid-9 ta' Awwissu 1990 liema "Arbitration" ghandu sahha ta' sentenza definittiva.*
>
> *"**Fic-citazzjoni numru 62/1992** fl-ismijiet Xuereb Angelo noe vs Migneco Godwin et noe is-socjeta attrici qed titlob lill-Qorti tiddikjara lis-socjeta konvenuta inadempjenti mill-obbligi kontrattwali taghha wara li "Air Conditioner" li gie installat fir-residenza privata fejn dak iz-zmien kien jirrisjedi il-Managing Director f' Targa Gap, Mosta qatt ma hadem sodisfacentement u bhala konsegwenza is-socjeta attrici soffriet danni u li ghalihom ghamlet talba ghall-likwidazzjoni u kundanna ta' hlas*

*minghand is-socjeta konvenuta. Bhaz-zewg kawzi l-ohra s-socjeta konvenuta principalment jecepixxi l-intempestivita ta' din l-azzjoni ghaliex tikkontendi illi kull vertenza bejn il-partijiet dwar l-appalti in kwistjoni gie estensivament moghti fid-9 ta' Awwissu 1990 liema "Arbitration" ghandu sahha ta' sentenza definittiva.*

*"PROVI*

*"1.* ***Tonio Farrigia*** *prodott mill attur xhed viva voce u ipprezenta 2 affidavits dettaljati (fol 109 sa 114 u fol 120 sa 124). Ghall dak li hu rilevanti ghal din il-kawza huwa jghid illi wara li inqalghu diffikultajiet bejn il-partijiet gie deciz illi l-kwistjonijiet pendenti dwar Phase A tal-progett jigu riferuti ghall-arbitragg. Il-partijiet skambjaw korrispondenza dwar il-kwistjonijiet li ghandhom jigu riferuti lil-arbitru u il-procedura kif ghandu jigi nominat. Il-ftehim gie iffirmat fit 12 ta' Jannar 1990 u fil 31 ta' Jannar 1990 kopja tal-ftehim gie depositat il-Qorti mill-Arbitru Prof. Ghirlando. Saru l-laqghat u fl-10 ta' Awwissu 1990 il-partijiet ircevew bil-posta registrata kopja tad-decisjoni dettaljata tal-Arbitru. Il-konkluzzjoni kienet illi s-socjeta attrici kellha taghti Lm21,837.50 lis-socjeta konvenuta. Dan l-ammont kien jinkludi "the balance of Lm18,386.23 plus interest of Lm3330.12 calculated at the rate of 8%per annum from the date when it was due up to the 8th of August 1990". Pero ir-rapport ta' l-arbitru ma kien jindika bl-ebda mod minn fejn gie dan l-ammont. Fl-10 ta' Awwissu 1990 is-socjeta attrici irceviet fax minghand is-socjeta konvenuta li permezz taghha giet mitluba thallas l-ammont indikat fl-award arbitrali. Giet skambjata korrispondenza u fl-24 ta' Awwissu 1990 is-socjeta attrici giet notifikata illi kien inhareg mandat ta' sekwestru (2131/90) esekuttiv ghall-ammont stabilit mill-arbitru. Is-socjeta attrici irrbaddit ghal dan billi harget mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghal Lm71,410 biex tkopri danni u multa minhabba l-indempjenza kontrattwali tas-socjeta konvenuta. Saru tenttativi biex tigi sblokkata din is-sitwazzjoni. Sabiex ma jippregudikawx is-sitwazzjoni taghhom, Tonio Farrugia wara li kkonsulta ma Angelo Xuereb ta' istruzzjonijet lil-avukat sabiex jibda dawn il-proceduri. Komplew id-diskussjonijiet pero ma intlehaqx ftehim.*

*"2. Ix-xhud isostni illi meta kienet saret l-Award Arbitarli, is-socjeta attrici skopriet illi mill-istess award ma jirrizulta xejn kif l-arbitru wasal ghall-ammont dovut mis-socjeta attrici. Wara li l-arbitru kien ta l-award, fuq insistenza tas-socjeta attrici kien taghom id-dokument "C" li kienu ssottomettewlu s-socjeta konvenuta. Fl-award ma jsemmiex dan id-dokument li gie anness bhala appendix. Sostna illi huma inghataw kopja tad-Dokument "C" fis 27 ta' Awwissu 1990. Meta saru jafu b'dan id-dokument ippreparaw ir-risposti ghall-claims tas-socjeta konvenuta u fis-seduta peritali tat 8 ta' Novembru 1999 ippresenta document "D" bir-risposti ffirmat minn Angelo Xuereb. Ix-xhud spjega illi dan d-dokument ukoll gie mghoddi lill-Arbitru. Ix-xhud kompla jghid illi wara li inghata l-award l-arbitru kien qalilhom illi d-dokument "C" kien gie sottomess fl-ahhar seduta quddiemu li saret fl-20 ta' Lulju 1990. Huwa iccara illi dak in-nhar huma kienu jafu illi li l-parti l-ohra issottomettiet xi dokument*

*pero sa dak in-nhar kienet il-procedura li kull parti li tissottometti dokument awtomatikament taghti kopja lill-parti l-ohra. Dak in-nhar il-parti l-ohra skuzat ruha ghaliex ma kelliex kopja ghalihom. L-arbitru ma setghax jaghtihom kopja seduta stante ghaliex il-photocopier kienet bil-hsara. Dana jafu bic-cert ghaliex huwa kien prezenti. Eventwalment meta xi granet wara fakkru lill-arbitru, kienu nghataw kopja ta dokument intitolat "extra costs claim" maghmul mis-socjeta konvenuta u ta' dan id-dokument huma kienu hadu konjizzjoni meta ghamlu l-final submissions lill-Arbitru. Sostna illi sakemm inghata l-award huma ma kienux jafu bid-dokument "C". Wara l-award tkellmu mal-Arbitru u dan ghalilhom illi fl-ahhar seduta kienu gew prezentati zewg dokumenti pero peress illi is-socjeta attrici kienet inghatat biss kopja ta' dokument wiehed hija ghamlet is-sottommissjonijiet taghha biss fuq dak id-dokument li skond ix-xhud ma kienx id-Dokument "C" imma dokument "E" li kopja tieghu giet esebita mill-istess xhud fis-seduta peritali tal 10 ta' Dicembru 1999. Tonio Farrugia jghid illi l-arbitru naqas milli jiehu konjizzjoni tad-dokument "D" (r-risposti ta' Angelo Xuereb) li gie sottomess minnhom wara l-award ghaliex sostna li l-award kien inghata. Kontroezaminat ix-xhud qal illi huwa qatt ma gie michud mill-arbitru milli jara xi dokument li gie esebit u li kien jifforma parti mill-process. Huwa ma raxx il-process pero kif qallu l-arbitru id-Dokument "C" kien jifforma parti mill-process.*

*"3. **Bernard Grech** prodott mill-attur kien l-engineer tas-Suncrest Hotel. Huwa xehed biss dwar il-problemi li inqalghu fic-chiller u air conditioner installat fir-residenza ta' Angelo Xuereb li huma l-mertu ta' zewg kawzi ohra citazzjonijiet numri 1436/91 u 62/92 rispettivament fl-istess ismijiet.*

*"4. **Raymond Ebejer** prodott mill-attur kien il-persuna li dahal minflok Bernard Grech meta dan spicca minn mal-kumpanija u x-xhieda tieghu bhal ta' Bernard Grech ma hija ta' ebda rilevanza ghal-mertu ta' dina l-kawza.*

*"5. **L-attur** ipprezenta affidavit fit-30 ta' Marzu 1995 fl-atti tal-kawza numru 62/92 fejn talab illi is-socjeta konvenuta tigi dikjarata inadempjenti mill-obbligi kontrattwali taghha wara li "Air Conditioner" li gie installat fir-residenza privata tieghu. Dan l-affidavit ma ghandux rilevanza ghall-dan il-kaz peress illi fil-paragrafu 30 l-attur jghid illi f'Lulju tal-1989 ftehmna li mmorru arbitragg dwar ghadd ta' tilwimiet li kienu jikkoncernaw Phase A tas-Suncrest. Is-sitwazzjoni dwar il-villa tieghi ma kienitx ghada dehret li se tasal f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' ftehim. Kien wara li beda l-process ta' arbitragg li deher li ma konniex se niftehmu dwar ix-xogholijiet tal-villa.*

*"6. **Il-konvenut** ma ressaq ebda provi fl-unici zewg seduti li ppermettietlu il-Qorti a tenur tal-verbal tal-4 ta' Mejju 2010. Il-perit legali jirrileva illi l-Qorti diversament ippreseduta ordnat "li ssir seduta fit-13 ta' Mejju, 2010 f'nofsinhar, biex dakinhar tinghalaq ix-xhieda tal-attrici, f'nuqqas tal-attrici li tressaq ix-xhieda kollha f'dik is-seduta, ix-xhieda*

*tal-attrici ghandha titqies maghluqa u l-perit legali ghandu jipprocedi biex jisma x-xhieda tal-konvenuti f'seduta li ghandha ssir fl-20 ta' Mejju, 2010 f'nofsinhar". Fid 9 ta' Novembru 2010 l-istess Qorti osservat illi skond l-istess verbal ix-xhieda tal-konvenuti ukoll kellha tinghalaq quddiem il-Perit Legali fl-20 ta' Mejju 2010. Billi ghalhekk jidher li x-xhieda hija maghluqa, il-qorti tidderigi lill-perit legali jirrelata sa mhux aktar tard mis-seduta li jmiss u tiddiferixxi l-kawza ghar-rapport.*

***"KONSIDERAZZJONIJIET U SOTTOMISSJONIJIET.***

*"7. Is-socjeta attrici f'din il-kawza qed titlob lil-Qorti tiddikjara inattendibbli id-Decizjoni jew l-Award Arbitrali moghtija fid-9 ta' Awwissu 1990 bejn il-kontendenti mill-Professur Robert Ghirlando. Dana ghaliex tallega illi l-arbitru (1) ibbaza il-konkluzzjonijiet tieghu fuq id-dokument C li gie a konjizzjoni tas-socjeta attrici wara li inghatat id-decizzjoni u (2) naqas milli jaghti r-ragunijiet u jimmotiva id-decizzjoni jew l-award tieghu. Dawn il-fatti skond is-socjeta attrici jammonta ghal nuqqas ta' 'Fair Hearing' u jikkostitwixxi ukoll ksur tal-principji tal-Gustizzja Naturali.*

*"8. Is-socjeta konvenuta isostni li din it-talba ghandha tigi michuda stante li ma sar ebda ksur ta' xi principju ta' Gustizzja naturali jew li kien hemm xi nuqqas ta' 'Fair Hearing' billi l-procedimenti kollha tal-arbitragg tmexxew skond ir-regoli tal-procedura tal-ligi u kull dokument li gie esebit, gie esebit fis-seduti u moghti lill-arbitru fil-presenza tal-partijiet u kull kopja inkluz id-dokument "C" imsemmi mill-attur giet moghtija ukoll lill-attur nomine u li l-partijiet inghataw kull opportunita biex jezaminaw u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom.*

*"9. Il-provi ghal dak li jirrigwarda il-mertu ta' din il-kawza, huma pjuttost skarsi. Il-provi tas-socjeta attrici, minkejja t-tul taz-zmien li hadet sabiex taghmel dan jikkonsistu principalment fiz-zewg affidavits u xhieda viva voce ta' Tonio Farrugia. Hemm ukoll id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici annessa mac-citazzjoni li minn naha l-ohra giet kontradetta bl-istess mod bid-dikjarazzoni guramentata tas-socjeta konvenuta anessa man-nota tal-eccezzjonijiet. Is-socjeta konvenuta ma resqet ebda xhieda pero l-esponenti jirrileva illi s-socjeta konvenuta inghatat biss opportunita wahda li taghmel dan f' 'zewg' seduti fit-13 ta' Mejju 2010 u fil-25 ta' Mejju 2010 u cioe* ***20 sena wara li bdiet din l-kawza****. Fl-udjenza ta' wara din is-seduta, l-Qorti* ***diversament ippreseduta****, iddikjarat il-provi maghluqa. Dan l-istat ta' fatt jaghmilha ferm difficli ghal-esponent sabiex jistabilixxi jekk kien hemm xi nuqqasijiet fil-kors tal-proceduri tal-arbitragg u jekk verament kien hemm, kienux ta' dak il-grad ta' gravita li jammonta ghall nuqqas ta' Fair Hearing li jikkostitwixxu ksur tal-principji tal-Gustizzja Naturali tar-regola semplici imma fundamentali Audi Alterma Partem'.*

*"10. Jirrizulta mill-affidavit ta' Tonio Farrugia illi wara d-decizzjoni tal-arbitru fuq talba tal-istess socjeta attrici, effettivament saret laqgha mieghu sabiex jigi iccarat il-punt dwar l-ammont li giet ordnata thallas*

*is-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta. Skond dan ix-xhud, kien f'din il-laqgha li s-socjeta attrici saret taf illi l-arbitru minbarra id-dokument "Extra Costs Claims" kien inghata dokument iehor bi zewg faccati dwar l-ammonti li kienu qed jikklemjaw is-socjeta konvenuta.*

*"11. Id-dokument 'C' jinsab esebit a fol 79 u 80 tal-process. Fl-ewwel pagna (fol 79) jidher li ma hemm xejn fuq xhiex wiehed jikkumenta mentri fit-tieni pagna (fol 80) apparti min figuri ohra, hemm iz-zewg figuri ta' 18,386.23 (still due) u 3330.12 li gew riflessi fl-award tal-arbitru dok B pagna tlieta 'The arbitrator hereby DECIDES to ORDER Xuereb TO PAY MEDAIRCO the balance of LM18386.23 plus interest of LM 3330.12 calculated at the rate of 8% per annum from the date when it was due up to the 8th August 1990….' Is-socjeta attrici isostni illi hija ma inaghtatx kopja ta' dan id-dokument C mentri is-socjeta konvenuta fil-paragrafu 14 tad-dikjarazzjoni taghha a fol 87 'tenfasizza illi id-dokument "C" imsemmi mill-attur gie ipprezentat f'wahda mis-seduti u kopja tieghu giet moghtija f'idejn ir-rapprezentant tall-attur nomine li kien qed jattendi ghas-seduti fil-presenza tal-arbitru ….'. Appendix 3 - List of Documents submitted (fol 72) ma jsemmi xejn dwar dan id-dokument pero l-arbitru fil-preambolu tal-award tieghu jghid illi din id-dokumentazzjnoi ma gietx inkluza fl-award ghaliex 'both parties have full sets of it'. Li dan id-dokument gie pprezentat lill-arbitru fis-seduta tal-20 ta' Lulju 1990 gie ikkonfermat minn Tonio Farrugia meta fl-ewwel affidavit tieghu (pagna 7 para 4) jghid illi Medairco ssottomettew dokument dwar l-ispejjes li kien qed jitolbu. Is-socjeta attrici pero issostni li huma ma inghatawx kopja u allegaw illi l-arbitru offra li jaghmel kopja imma l-photocopier kienet bil-hsara. Pero Tonio Farrugia jinsisti illi f'dik il-laqgha quddiem l-Arbitru, s-socjeta konvenuta kienet ipprezentat zewg dokumenti u hija inghata biss kopja ta' Dokument wiehed u li ma kienx Dokument "C".*

*"12. L-esponent pero ma jistghax jifehem ghaliex la darba s-socjeta attrici tishaq daqshekk fuq il-fatt li ma inghatax kopja tad Dokument 'C,' u sahansitra waslet ukoll biex tghid illi l-arbitru offra li jaghmel kopja imma il-photocopier kienet bil-hsara, ghaliex ghamlet tentattiv wiehed fis-seduta Peritali tat 31 ta' Jannar 2000 biex jixhed l-Arbitru sabbiex tipprova din l-allegazzjoni li s-socjeta attrici tikkonsidra tant important. Sahansitra itenni li dan in-nuqqas huwa tant gravi li wassal ghan nuqqas ta' Fair Hearing li bhala konsegwena d-Decizjoni jew l-Award Arbitrali moghtija fid-9 ta' Awwissu 1990 Qorti ghandu jigi iddikjarat inattendibbli*.

"*13. L-esponent jirrileva illi ma jirrizultax illi kien hemm xi seduta ohra mal-Arbitru wara 20 ta' Lulju 1990. Issa la darba is-socjeta attrici kienet konxja li gie ipprezentat dak id-dokument kien fl-interess taghha li tara x'kien fih dak id-dokument. Ma hemmx dubbju illi irrespettivament mill-kwantum, is-socjeta attrici kienet taf li kellha bilanc xi taghti lis-socjeta konvenuta u la darba il-brief tal-arbitru kien jinkludi ukoll 'to order XUEREB to pay MEDAIRCO the balance for the works carried out' kien*

*jinkombi fuqha li tiehu konoxxenza tad-dokument esebit u mhux taqla il-kwisjoni wara li jinghata l-award.*

*"14. L-esponent ma jiddibutax mill-kompetenza tal-Arbitru u jinsab moralment konvint illi jekk kien hemm xi dubbju jew ghal-grazzja tal-argument l-arbitru kellu bzonn aktar informazzjoni qabel ma jasal ghall-award, sgur li kien jaghmel dan.*

*"15. Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-esponent ma huwiex tal-fehma illi l-allegazzjonijiet tas-socjeta attrici jwasslu ghal nuqqas ta' Fair Hearing li ghandhom iwasslu ghan-nullita tad-decissjoni ghaliex ma giex ripetta il-principju fundamentali ta' Audi Alteram Partem.*

*"16. Lanqas ma jaqbel l-esponent illi l-Arbitru naqas milli jaghti motivazzjoni u ragunament ghad-decizzjoni tieghu kif rikjest mill Art 984 (c) tal kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kompitu tal-arbitru kien li jiddecidi principalment fuq punti teknici. Ir-ragunament ta' kif wasal ghal konkluzzjonijiet dettaljati jinsab fi pagni 5 sa 24 u jifforma parti mid-Decizjoni jew l-Award Arbitrali moghtija fid-9 ta' Awwissu 1990.*

*"Konkluzzjoni*

*"17. Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-esponent jissottometti t-talba tas-socjeta attrici sabiex tigi dikkjarata nulla u inattendibbli id-Decizjoni jew l-Award Arbitrali moghtija fid-9 ta' Awwissu 1990 bejn il-kontendenti mill-Professur Robert Ghirlando BSc(Eng), MEng, Phd, FIMecheE, Eur. Ing ma ghandiex tigi milqughha.*

"Wara li l-qorti rat l-atti li jinkludu d-decizjoni tal-arbitru, tosserva li:-

"(A) Dokument "C" li allegatament qatt ma nghata lill-attrici (fol. 68) – F'dan ir-rigward Tonio Farrugia, ufficjal tal-kumpannija attrici xehed:-

"*40. Fl-20 ta' Lulju (1990) sare seduta, li fiha l-ewwel xehed is-sur Angelo Xuereb. Fl-istess waqt, biex ma jitwalux il-procedimenti, Medairco thallew jirribattu d-diversi punti hekk kif tqajmu. Malli hareg is-sur Angelo Xuereb mis-seduta, l-arbitru sema' r-risposti tal-partijiet ghall-kwestjonarju li kien ghaddielhom.*

*"41. F'din is-seduta Medairco ssottomettew dokument dwar l-ispejjez li kienu qed jikklejmaw. Fejn soltu kienu jaghtuna kopja, din id-darba il-General Manager, is-sur John Xuereb, skuza ruhu ghaliex ma kellhomx extra ghalina. L-arbitru offra biex jaghmlilna kopja, izda l-photocopier ta' l-ufficcju tieghu kienet bil-hsara. Wara s-seduta huwa ghadda l-ufficcju taghna biex jaghmel kopja izda nstab li l-photocopier taghna wkoll kienet bil-hsara. Eventwalment il-Prof. Ghirlando kien tani kopja ta' dokument ta' faccata wahda fuq letterhead Medairco u ffirmat mis-sur John Xuereb, bid-data tad-9 ta' Lulju 1990, intitolat Extra Costs Claim.*

*"42. Kellha ssir l-ahhar seduta fil-31 ta' Lulju ghall-ahhar sottomissjonijiet tal-partijiet. Is-sottomissjonijiet taghna ghamlu riferenza wkoll ghal dan id-dokument tal-Medairco tad-9 ta' Lulju 1990.*

*"43. Wara ircevejt telefonata mill-Prof. Ghirlando li ried jiccara punt dwar l-ispejjez li tlabna dwar il-calorifiers. B'ittra datata 6 ta' Awissu 1990 (b'kopja lil Medairco) kkorregejt zball fil-figuri li kien hemm fis-sottomissjonijiet li konna ghamilna fis-26 ta' Jannar 1990.*

*"44. Erbat ijiem wara, fl-10 ta' Awissu rcevejna bil-posta registrata kopja tad-decizjoni dettaljata ta' l-arbitru. Il-konkluzjoni kienet li l-arbitru qataghha li kellna naghtu Lm21,837.50 lil Medairco. Dan kien jinkludi "the balance of Lm18386.23 plus interest of Lm3330.12 calculated at the rate of 8% per annum from date when it was due up to the 8th August 1990". Pero r-rapport ta' l-arbitru ma kien jindika bl-ebda mod minn fejn gie dan l-ammont.*

*"45. Jiena ppruvajt nikkuntattja malajr lill-Prof. Ghirlando biex niccara dan il-punt, izda mill-ufficcju tieghu qaluli li kien imsiefer sa l-ahhar tax-xahar.*

*"46. Meta gie lura, tlabna laqgha mieghu, li minnha rrizulta li f'Lulju minbarra d-dokument Extra Costs Claim, il-Medairco kienu tawh (minghajr ma konna nafu) dokument iehor ta' zewg faccati dwar l-ammonti li kienu qed jikklejmjaw. Mhux talli dan id-dokument ma giex issostanzjat quddiem l-abritru, imma talli ahna lanqas biss konnna nafu bih jew inghatajna l-opportunita' li nirribattuh." (fol. 115).*

"Il-verzjoni tal-attrici li qatt ma nghata kopja ta' Dokument "C" hi kontestata mill-konvenuta. Fid-dikjarazzjoni guramentata Godwin Migneco ddikjara:-

> "*Illi l-esponenti jenfasizza illi id-dokument "C" imsemmi mill-attur gie pprezentat f'wahda mis-seduti u kopja tieghu giet moghtija f'idejn ir-rapprezentant tal-attur nomine li kien qed jattendi ghas-seduti fil-presenza tal-arbitru …*".

"Ghalkemm ma jirrizultax li Godwin Migneco kien xehed quddiem il-perit legali, dan ma jfissirx li dak li ddikjara bil-gurament fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ghandu jigi skartat.

"Il-qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet. F'dan ix-xenarju l-ahhar prova kienet tkun ix-xhieda tal-arbitru, li l-attrici naqset milli tharrek. Wiehed irid jiftakar li l-oneru tal-prova qieghed fuq l-attrici bhala l-parti li qeghda tallega difetti procedurali fl-arbitragg.

"Inoltre, mill-atti tal-arbitragg jirrizulta li waqt is-seduti kien hemm prezenti rapprezentant ta' kull parti. M'huwiex jigi allegat li d-dokument "C" inghata lill-arbitru wara xi seduta. Ifisser li d-dokument "C" kien gie pprezentat quddiem il-partijiet. Meqjus li kull parti kellha rapprezentant

waqt is-seduti, kull parti kienet taf jew kellha l-opportunita' li tkun taf x'qieghed jigi pprezentat waqt is-seduta. Inoltre, qabel saru s-sottomissjonijiet finali kull parti setghet talbet biex tara l-atti tal-arbitragg biex thejji ruhha qabel isiru s-sottomissjonijiet finali. Il-qorti taqbel pjenament ma dak li rrelata l-perit legali. Dan apparti li l-qorti ma tistax tifhem kif l-attrici qeghda tghid li ma kenitx taf x'bilanc kienet qeghda tippretendi il-kumpannija konvenuta ghax-xoghol li kienet ghamlet, meta fil-ftehim ta' arbitragg jinghad:-

"i. li l-uniku ammont li kellu jillikwida l-arbitru kien jirrelata ghall-ispejjez addizzjonali. Fil-fatt f'paragrafu (g) [fol. 44] jinghad li wiehed mid-dmirijiet tal-arbitru kien:

"*To liquidate additional expenses incurred both by MEDAIRCO and XUEREB for rerouting of piping systems as well as the cost of parts for repair of equipment for breakdowns; and to state and decide which party should bear costs*" .

"ii. li dwar il-bilanc ghax-xogholijiet li saru mill-konvenut, l-arbitru kellu jghid jekk Xuereb kellix thallsu meqjusa l-ilmenti taghha, u fl-affermattiv "[...] *to state the rate of interest and the date from which interests are to be reckoned*" (fol. 45). Kliem li ghall-qorti jista' jfisser biss li l-attrici kienet taf x'inhu l-ammont li qeghda tippretendi l-konvenuta, u l-arbitru kellu jiddeciedi jekk tali ammont kienx dovut meqjusa l-ilmenti li kellha l-kumpannija konvenuta.

"(B) **Motivazzjoni fid-decizjoni tal-arbitru** – Meta taqra d-decizjoni tal-arbitru hu evidenti li ta decizjoni motivata (ara pagni 6 sa 25). L-arbitru ttratta kull wiehed mill-ilmenti li jissemmew fil-ftehim ta' abritragg (klawzola 12) [fol. 43-45], u ta decizjoni dwaru. Minn din il-parti tad-decizjoni wiehed jista' jifhem x'wassal lill-arbitru biex jiddeciedi bil-mod li ghamel. Inoltre, l-attrici ma identifikatx b'mod preciz liema parti mid-decizjoni dettaljata li ta l-arbitru, qeghda tilmenta dwaru."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetà attrici tat-23 ta' Ottubru, 2013, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà konvenuta, tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet premessi, billi tilqa' t-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

Rat ir-risposta tal-appell tal-avukat Alessandro Lia u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina, fil-kwalità taghhom ta' kuraturi deputati ghas-socjetà Medairco Limited, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu lil din il-Qorti sabiex tichad l-aggravji mressqa mis-socjetà attrici fl-appell taghha, u sabiex tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu d-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti bil-miktub u ddikjaraw li l-appell jista' jigi differit ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

Illi permezz tal-kawza odjerna, s-socjetà attrici appellanti qeghda titlob l-impunjazzjoni ta' *Arbitration Award* datata 9 t'Awissu, 1990, moghtija mill-Professur Robert Ghirlando ghal zewg ragunijiet, l-ewwel wahda hija dik li gie esebit dokument decisiv li qatt ma gie mghoddi lilha u kien fost l-elementi importanti li fuqu gie bbazat il-lodo arbitrali. Dan, skont hi, jikkostitwixxi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u nuqqas ta' *fair hearing*, peress li ma nghatatx l-opportunità li tezamina u tikkontesta dan id-dokument. It-tieni punt huwa li jinghad li l-arbitru naqas milli jaghti motivazzjoni u spjegazzjoni ghad-decizjoni tieghu, kif wara kollox kien tenut li jaghmel.

L-appell huwa mfassal fuq tliet aggravji (i) in-nullità tas-sentenza peress li l-ewwel Qorti njorat il-fatt lilha senjalat b'rikors tat-13 ta' Mejju, 2013, illi l-kreditu kien gie assenjat lil terzi, l-ewwel lil Dr. Maria Rozaria Micallef u eventwalment lil Migneco Holdings Limited, dan a bazi ta' dokumenti esebiti; (ii) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u l-konkluzjonijiet legali u (iii) konsegwentement ir-ragunament mhux motivat.

Taht l-ewwel aggravju, s-socjetà attrici appellanti tikkontendi li hekk kif gie a konjizzjoni taghha l-fatt li sehhet assenjazzjoni ta' kreditu u ta' drittijiet litigjuzi, hija issenjalathom lill-ewwel Qorti u talbet rimedju jew provvediment. Hija tishaq li l-ewwel Qorti kellha taghti provvediment biex l-atti jigu regolarizzati permezz ta' legittimazzjoni u li dan in-nuqqas iwassal ghan-nullità tal-proceduri odjerni, peress li l-appellati jiddifettaw mill-interess legali mehtieg. Tinsisti li dan in-nuqqas jista' jwassal li l-istess atti jigu proposti mill-gdid kontra c-cessjonarji tal-kreditu.

Ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ma' taqbilx ma' dan l-aggravju. Jibda billi jigi pprecizat illi ghalkemm huwa minnu li permezz tar-rikors taghha, tat-13 ta' Mejju, 2013, is-socjetà attrici appellanti ssenjalat tali assenjazzjoni ta' kreditu, fit-talbiet kontenuti fl-istess rikors quddiem l-ewwel Qorti, intalab li **"(i) il-partijiet jiddiskutu l-vertenza (ii) <u>jekk ikun il-kaz</u>, ikun hemm xi interventi jew talba ghal-legitimazzjoni ta' l-atti**

**jew kjamata fil-kawza tal-partijiet li potenzjalment akkwistaw interess"** (enfasi mizjuda mill-Qorti); konsegwentement intalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak implikat mis-socjetà attrici appellanti, proprjament ma ntalbitx il-legittimazzjoni tal-atti *sic et simpliciter,* izda ntalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza fuq zewg premessi, dik li l-parti jiddiskutu u jekk ikun il-kaz, li jkun hemm xi interventi jew talba ghal-legitimazzjoni ta' l-atti jew kjamata fil-kawza tal-partijiet li potenzjalment akkwistaw interess.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddekretat kameralment l-imsemmi rikors fis-17 ta' Mejju, 2013, fejn dik il-Qorti filwaqt li osservat li din il-kawza flimkien ma' ohrajn, ilhom pendenti ghal aktar minn ghoxrin sena u li l-partijiet ghandhom kull opportunità li jiddiskutu, fir-rigward tal-allegata cessjoni inghad:

> *"i. Hu fl-interess ta' min ghandu interess (cessjonarju) li jara x'hemm bzonn li jsir fil-kawza li ghamel ic-cedent.*
>
> *ii Din ma tirreferix ghall-krediti li l-attur nomine jivvanta fil-konfront ta' Medairco Limited*."

Konsegwentement l-ewwel Qorti ma rat ebda htiega li taghti xi provvediment ta' sospensjoni ta' prolazzjoni tas-sentenza.

Tajjeb li jinghad li s-socjetà attrici appellanti ma ttantat bl-ebda mod tikkontrasta l-istess digriet tal-ewwel Qorti, permezz ta' rikors fejn

setghet tintalab rikonsiderazzjoni tad-decizjoni tal-ewwel Qorti, kif lanqas ma gie pprezentat xi rikors, fejn intalab mill-partijiet is-sejha fil-kawza ta' terza persuna jew sahansitra talba li terza persuna tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis.* Inoltre, wara l-imsemmi digriet, is-socjetà attrici appellanti ghaddiet sabiex fit-30 ta' Mejju, 2013, ipprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha quddiem l-ewwel Qorti. Is-socjetà attrici appellanti lanqas ma appellat l-imsemmi digriet tas-17 ta' Mejju, 2013, flimkien mal-appell mis-sentenza principali. Dawn il-fatti wahedhom, iwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li m'ghandhiex taccetta l-aggravju tas-socjetà attrici appellanti.

Madankollu, tajjeb li jinghad ukoll li fil-kaz odjern, jidher li l-kwistjoni ta' nullita` sollevata mis-socjetà attrici appellanti hija bbazata fuq l-aspett ta' l-illegittimita` ta' persuna, in kwantu l-azzjoni attrici, kif proposta, ma tistax tirnexxi u jkollha effett fil-konfront tas-socjetà konvenuta appellata, ladarba sehhet ic-cessjoni ta' kreditu u ta' drittijiet litigjuzi. Issa, f'materja ta' cessjoni ta' krediti u jeddijiet ohra, l-ligi stess tiddisponi li c-cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub (Artikolu 1470 tal-Kodici Civili - Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta); li c-cessjonarju ma jistax kwantu ghat-terzi, jezercita l-jeddijiet lilu ceduti, hlief wara li c-cessjoni tkun mgharrfa lid-debitur b'att gudizzjarju mic-cessjonarju nnifsu jew mic-cedent (Artikolu 1471); *inter alia* li fin-nuqqas tal-imsemmija notifika jew sakemm dik it-taghrifa ma ssirx, id-debitur ma jistax jecepixxi c-cessjoni

kontra l-kreditur tieghu (Artikolu 1472 (a)) u li t-taghrifa mhux mehtiega jekk id-debitur ikun accetta c-cessjoni (Artikolu 1473).

Mill-fatti tal-kaz in ezami, jirrizulta li ghalkemm jidher li c-cessjoni saret bil-miktub kif tehtieg il-ligi, din ma gietx notifikata formalment permezz ta' att gudizzjarju lis-socjetà attrici appellanti, li fil-fatt tghid li giet f'idejha minghand rapprezentant tas-socjetà konvenuta. Inoltre, l-iskrittura ta' cessjoni ma titrattax biss cessjoni ta' drittijiet litigjuzi, izda wkoll cessjoni ta' kreditu li s-socjetà konvenuta appellata tivvanta fil-konfront tas-socjetà attrici appellanti, bhala debitrici taghha.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti deciza fl-1 ta' Novembru 1994, fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Pulis v. Michele Demanuele** gie osservat li:

> "Il-legislatur kien tant tassattiv f'materja ta' cessjoni jew assenjazzjoni ta' jeddijiet u krediti li jesigi mhux biss li ftehim bhal dan irid isir bil-miktub ad validitatem, imma jesigi wkoll in-notifika tieghu lil terz li jkollu interess permezz ta' att gudizzjarju".

Hu minnu wkoll li l-Artikolu 1469 tal-Kodici Civili jipprovdi li:

> *"ic-cessjoni jew bejgh ta' kreditu, ta' jedd, jew ta' azzjoni hija perfetta, u l-proprjeta' taghhom tigi akkwistata ipso jure mic-cessjonarju, hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz, u barra minn meta c-cessjoni tkun ta' jeddijiet trasferibbli bil-kunsinna tat-titolu, hekk kif isir l-att tac-cessjoni".*

Madankollu, kif osservat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Marzu, 2008, fil-kawza fl-ismijijet **Kevin Zammit v. Dr. Angele Formosa nomine:**

> "*sabiex ic-cessjoni jkollha effett bejn ic-cedent u c-cessjonarju jidher li m'hemmx bzonn accettazzjoni min-naha tad-debitur. Pero' id-debitur jibqa' estraneju ghal dak in-negozju jekk ma jigix notifikat skond il-procedura li titlob il-ligi u l-ligi stess tipprovdi li sahansitra ma jistax jecepixxi c-cessjoni fil-konfront tal-kreditur…. Min-naha l-ohra pero' l-Artikolu 1473 tal-Kodici Civili jipprovdi li "it-taghrifa mhix mehtiega jekk id-debitur ikun accetta c-cessjoni*"

Filwaqt li din il-Qorti thaddan dawn il-principji, fil-kaz in ezami ma jirrizultax li s-socjetà attrici appellanti qatt sostniet li qeghda taccetta c-cessjoni, ghalhekk f'dan il-kaz huwa ritenut li c-cessjoni wahedha mhix bizzejjed sabiex issostni l-aggravju tas-socjeta`. Isegwi li fil-fehma ta' din il-Qorti, s-socjetà attrici appellanti ma tistax tressaq ic-cessjoni bhala bazi ghan-nullità tas-sentenza appellata, peress li f'ghajnejn il-ligi tibqa' estraneja ghac-cessjoni u ma tistax tuza c-cessjoni fil-konfront tas-socjetà konvenuta appellata sabiex tigi annullata s-sentenza in kwistjoni. Ic-cessjoni tibqa' materja li l-partijiet ikkoncernati eventwalment iridu jitrattaw bejniethom.

Isegwi li l-ewwel aggravju tas-socjetà attrici appellanti ma jimmeritax li jintlaqa'.

Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju, dak fejn is-socjetà attrici appellanti tikkontesta l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li adottat ir-rapport peritali, li fih jinghad li l-attrici ma skarikatx l-oneru tal-prova minn fuqha. Jinghad li l-ewwel Qorti injorat il-fatt li l-attrici gabet provi, senjatament l-affidavit ta' Tonio Farrugia li kien ha parti attiva fil-process u liema prova ma gietx kontradetta. Tghid illi ghalkemm huwa minnu li l-Qorti kellha quddiemha zewg verzjonijiet dijametrikament opposti, tikkontendi li qatt ma kien hemm kontestazzjoni serja tal-provi migjuba mill-attrici. Dan il-fatt gie skartat mill-ewwel Qorti, minghajr ma nghatat spjegazzjoni ghaliex kellha tiskartah. Fil-fehma tas-socjetà attrici appellanti ma kienx sufficjenti li l-ewwel Qorti taghmel semplici referenza ghad-dikjarazzjoni guramentata man-nota tal-eccezzjonijiet, peress li din ma kenitx sufficjenti li twaqqa' il-provi tal-attrici. Tikkontendi wkoll li l-osservazzjoni maghmula fis-sens li l-arbitru, l-Professur Ghirlando kien l-ahjar prova, kienet sempliciment assunzjoni jew kongettura maghmula mill-ewwel Qorti. Dan jinghad minnha peress li tikkontendi li l-imsemmi arbitru ma kienx l-ahjar xhud biex jindika x'irceviet is-socjetà attrici appellanti, stante li hadd ahjar minnha ma seta' jghid x'dokumenti rceviet l-istess socjetà attrici appellanti. Aktar u aktar meta l-provi mressqa minnha ma gewx kontradetti. Tishaq li n-nuqqas ta' komunika tad-dokument in kwistjoni, jikkostitwixxi ksur tal-principji ta' *equality of arms, audi alteram parte* u fuq kollox smigh xieraq.

Permezz ta' dan it-tieni aggravju, is-socjetà attrici appellanti qeghda tikkontesta l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti tirribadixxi illi, kif kellha diversi okkazjonijiet ohra li taghmel, din il-Qorti, bhala wahda ta' revizjoni, qajla tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti fuq l-aggravju ta' apprezzament hazin ta' fatti, sakemm ma jirrizultax li hemm zball manifest, jew jekk il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li ma kellhiex tasal ghaliha u li konsegwentement xi parti tkun ser issofri ingustizzja jekk is-sentenza in kwistjoni tibqa' fis-sehh. Din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Izda, din il-Qorti, xorta ghandha tezamina l-provi kollha akkwiziti, sabiex tistabbilixxi jekk il-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti, kinitx wahda li dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghaliha mill-provi.

Huwa ritenut opportun li jigi mfakkar li l-*onus probandi* jaggrava dejjem fuq l-attur, ghaliex l-affermazzjoni fl-azzjoni mressqa minnu qieghed jaghmilha hu, u l-konvenut ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. Il-konvenut jibqa' assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li tistabilixxi illi "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*". Dan ifisser illi hija s-socjetà attrici appellanti li tibqa' mghobbija bl-obbligu li toffri prova

adegwata tal-fatt allegat minnha. Filwaqt li l-Artikolu 559, tal-istess Kapitolu 12, jipprovdi li dan trid taghmlu billi tressaq l-ahjar prova.

Is-socjetà attrici appellanti tilmenta illi l-ewwel Qorti skartat il-provi taghha minghajr ma tat raguni, u s-socjetà konvenuta lanqas ressqet provi. Fuq dan il-punt tajjeb li l-ewwel jigu elenkati is-segwenti principji applikabbli f'materja ta' provi:

> "*... il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka* (ara sentenza Appell Inferjuri - *12.1.2001* - **Hans J. Link et v. Raymond Mercieca***).*
>
> "*… il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (*ara sentenza Appell Inferjuri - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil).**
>
> "… *Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (*ara sentenza tal-Prim'Awla - 18.5.2009 - **Col. Gustav Caruana noe et v. Air Supplies and Catering Co. Ltd.)."**

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ssib li wara li l-ewwel Qorti ghamlet rassenja tal-provi kollha prodotti quddiem il-perit legali, kuntrarjament ghal dak li jinghad mis-socjetà attrici appellanti, qieset estensivament ix-xhieda ta' Tonio Farrugia, rapprezentant tas-socjetà attrici appellanti, kif ukoll il-fatt li s-socjetà konvenuta llimitat ruhha li topponi t-talbiet attrici permezz tan-nota tal-eccezzjonijiet u bid-dikjarazzjoni guramentata hemm annessa, fejn ikkontestat il-verzjoni attrici li ma nghatatx kopja ta' Dokument "C" anness mac-citazzjoni,

sabiex ikkunsidrat li kienet rinfaccata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti rrimarkat li ix-xhieda tal-arbitru kienet tkun l-ahjar prova, peress li jinkombi fuq il-parti li tallega, f'dan il-kaz is-socjetà attrici appellanti, li tipprova. L-ewwel Qorti gustament ikkunsidrat ukoll li mhux kontestat li d-dokument in kwistjoni gie pprezentat waqt seduta tal-arbitragg, fejn il-partijiet kienu debitament rapprezentati. Ghalhekk, kull parti kienet taf jew kellha tkun taf x'kien ipprezentat waqt is-seduta. L-ewwel Qorti qablet mal-konkluzjoni tal-perit legali fis-sens li ladarba kien hemm gharfien li gie pprezentat dan id-dokument kien jinkombi lill-istess socjetà attrici li tivverifika sew il-kontenut tieghu. Anzi din il-Qorti zzid tghid li, kif jirrizulta mix-xhieda in kontro-ezami tax-xhud Tonio Farrugia, waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar, 2000, huwa kkonceda li l-arbitru qatt ma cahdu l-access ghall-process tal-arbitragg, izda li kien hu li qatt ma talbu.

Konsiderazzjoni ohra li ghamlet l-ewwel Qorti, li fil-fehma ta' din il-Qorti hija wahda ragjonevoli, hija li difficilment wiehed jista' jifhem kif is-socjetà attrici appellanti tikkontendi li ma kenitx taf x'kien il-bilanc pretiz mis-socjetà konvenuta appellata ghax-xoghol li kienet ghamlet. Il-fatt li s-socjetà konvenuta appellata kellha pretensjoni ta' hlas ta' bilanc, indubbjament kien jifforma parti mill-mertu tal-arbitragg peress li l-inkarigu tal-arbitru kien jinkludi mhux biss "*to liquidate additional expenses incurred by both Medairco and Xuereb for rerouting of piping systems as well as the costs of parts for repair of equipment for*

*breakdowns; and to state and decide which party should bear costs"* skont paragrafu 12 (g) tal-ftehim tal-arbitragg, izda wkoll kellu jiddeciedi dwar jekk Xuereb kellux ihallas ghall-bilanc ghax-xoghlijiet, meta f'paragrafu 12 (i) (i) jinghad *"to order Xuereb to pay Medairco the balance for the works carried out.",* kif ukoll jiddeciedi dwar il-hlas ta' imghaxijiet. Kliem li tabilhaqq jindikaw li s-socjetà attrici appellanti kienet taf dwar l-ammont pretiz mis-socjetà konvenuta. Altru li l-ewwel Qorti tat raguni l-ghala ma kenitx qeghda tqis daqstant kredibbli l-provi tas-socjetà attrici appellanti. Fil-kaz prezenti, s-socjetà attrici appellanti ma rrnexxilhiex tipprova dak allegat minnha sal-grad mehtieg, sabiex imbaghad titfa' l-piz tal-prova fuq is-socjetà konvenuta appellata.

Huwa pacifikament ritenut li fil-kamp civili l-piz probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli, izda ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jirnexxilux jaghmel dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati minn dan in-nuqqas u dan proprju skont il-principju ta' *actore non probante reus absolvitur.* F'dan il-kuntest, issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Salv Bezzina & Sons Limited v. Paul Borg,** li ccitat silta mis-sentenza datata 13 ta' Ottubru, 2008, fl-ismijiet **S. Borg Barthet v. Carnik Contructions Limited** (Appell Superjuri) fejn gie osservat illi:

> *"Kif sewwa rrilevat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tal-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza "Xuereb Maria et v. Gauci Clement et": "Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata*

*minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur". Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvincment tal-gudikant."*

Kien f'dan il-kuntest ukoll li l-ewwel Qorti qieset li kien ikun siewi ghall-attrici li tressaq lill-arbitru bhala xhud, anke jekk sabiex jikkonferma d-diversi tentattivi li x-xhud principali taghha, Tonio Farrugia, jghid li saru sabiex issir kopja tal-imsemmi dokument.

Din il-Qorti bhal ta' qabilha, ma ssibx li s-socjetà attrici appellanti rnexxielha tiskariga l-oneru taghha kif mitlub bil-ligi u ma ssibx li l-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet zbaljati, jew li naqset milli tispjega d-decizjoni taghha. Ladarba huwa ritenut li s-socjetà attrici appellanti kellha access ghad-dokument in kwistjoni u li fi kwalunkwè kaz kellha tkun taf il-bilanc pretiz mis-socjetà konvenuta appellata, ma tistax tissusisti l-allegazzjoni ta' ksur tal-principji ta' *equality of arms, audi alteram parte* jew nuqqas ta' smigh xieraq.

Ghalhekk lanqas dan it-tieni aggravju ma jisthoqqlu l-akkoljiment tieghu.

Jonqos li jigi ttrattat l-ahhar aggravju tas-socjetà attrici appellanti, dak li permezz tieghu hija ssostni li minn referenza ghad-decizjoni tal-arbitru

jirrizulta li jonqsu l-motivazzjonijiet meħtieġa li jispjegaw il-konkluzjonijiet milħuqa. Għalkemm jikkonċedu li ħafna mill-konkluzjonijiet huma tekniċi, jilmentaw li dawn kellhom ikunu tali li jinftiehmu u mhux jintuża kliem tekniku eċċessiv, tant li ma ħassewhomx f'posizzjoni li jirribattu l-lodo arbitrali.

Fil-fehma ta' din il-Qorti is-soċjetà attriċi appellanti anqas ma tista' ssib solljev minn dan l-aħħar aggravju. Jibda billi jingħad li l-arbitru appuntat mill-partijiet ittratta kull wieħed mill-ilmenti li jissemmew fil-ftehim tal-arbitraġġ u ta deċiżjoni dwar kull wieħed minnhom. Din il-Qorti eżaminat ukoll il-lodo arbitrali u filwaqt li tistqarr li lanqas hi m'għandha għarfien tekniku, xorta tislet mill-istess lodo ir-raġunijiet tad-deċiżjoni tal-arbitru, bħal per eżempju meta jingħad li s-soċjetà konvenuta appellata pprovdiet pompi skont kif speċifikat fil-kuntratt tagħha, jew ir-raġuni il-għala l-pompi kienu qegħdin jittieklu aktar milli normalment isehh, jew li l-ispejjeż żejda li nkorrew il-partijiet konsegwenza tad-diżgwid li nqala' bejniethom, kif ukoll li ma ġewx installati *burners* difettużi, iżda l-problema kienet fil-fuel li ntuża mis-soċjetà attriċi appellanti u li t-*Triplex pump* kienet provduta kif ordnata u li għalhekk kellha titħallas – kollha raġunijiet validi li wasslu lill-arbitru għall-konkluzjonijiet tiegħu. Isegwi li dan l-aggravju tas-soċjetà attriċi appellanti ma jissussistix. Jiġi rilevat ukoll li, wara kollox, il-partijiet qablu li jappuntaw arbitru tekniku, proprju peress li l-kwistjonijiet bejniethom kienu ta' natura teknika. Jekk kemm-

il darba s-socjetà attrici appellanti ma kellhiex gharfien fil-qasam tekniku certament setghet qabdet lin-nies kompetenti li kellha a disposizzjoni taghha sabiex jispjegawlha u jassistuha biex tirribatti l-provi teknici fl-istadju opportun u mhux wara.

Isegwi li lanqas dan l-ahhar aggravju ma jimmerita li jintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell mressaq mis-socjetà attrici appellanti, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata fis-shih.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mis-socjetà attrici appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df